28 FEB 2024

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 592**

**Il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fid-9.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 592.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

592.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku u mis-Sur Joseph Buttigieg, fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku u s-Sur Joseph Buttigieg jkunu skużati.

## 592.2 Progetti fil-Komunitajiet 2024

592.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-iskema 'Proġetti fil-Komunitajiet'. Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni kienet maqsuma f'erba' sezzjonijiet: Lokalitajiet aktar Siguri, Ambjent Aħjar fil-Lokalità, Infrastruttura aktar Moderna u Wirt Lokali. Is-Sindku qal illi l-applikazzjoni kienet tinkludi dawn il-proġetti. Fis-sezzjoni Ambjent Aktar Siguri ser isir *upgrade* fis-sistema tas-*CCTV cameras* tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill, installazzjoni ta' *CCTV cameras* fi Triq Alessio Erardi u Triq tal-Labour li jkunu mqabbda mal-Aġenzija LESA, installazzjoni ta' *cameras* tas-sigurtà fi Ġnien Tamara Psaila, installazzjoni ta' lampi ġodda fiċ-ċentru tal-*Housing Estate* xiri ta' *bollards* u tagħmir biex Triq Santa Duminka issir żona pedonali u biex tiġi organizzata attività flimkien mar-residenti ta' din iż-żona. Fis-sezzjoni Ambjent Aħjar ser isir tħawwil ta' siġar ġewwa qsari kbar fi Triq is-Santwarju u fi Triq Alesso Erardi u tħawwil ta' qsari u pjanti fit-toroq li hemm wara l-Knisja Arċipretali u Santwarju Madonna tal-Grazzja kif ukoll fiż-żona tal-Biċċieni. Rigward Infrastruttura Moderna ser isir *cycle lanes* impinġija fi Triq is-Santwarju, Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, Triq tal-Labour, Triq il-Mina ta' Hompesch u Triq l-10 ta' Settembru sabiex jingħaqdu mas-*cycle lanes* li hemm fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Triq Wied il-Għajn u tingħaqad rotta waħda ta' kwazi 8km. Is-Sindku qal li Ħaż-Żabbar huwa rinomat għaċ-ċikliżmu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li apparti li l-Kunsill irid jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru dawn is-*cycle lanes*, Triq tal-Labour, Triq il-Mina ta' Hompesch u Triq l-10 ta' Settembru ma kinux jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi fl-applikazzjoni ġiet nkluża biss l-ispiża tat-toroq li huma fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinux ser isiru *cycle lanes* fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi ma kinux ser isiru xi barrikati iżda ser isiru sinjali biż-żebgħa mal-art biss. Dwar Wirt Lokali ser isir restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li hemm fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq il-Kbira, restawr tal-istatwa tal-Kunċizzjoni f'Misraħ San Ġakbu, restawr tan-niċċa ta' San Nikola u restawr tal-qniepen l-antiki tas-Santwarju li hemm biswit il-monument ta' Mons Ġużeppi Vella. Is-Sindku spjega li dawn għad iridu jiġu mdendla. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'ser jiġi rrestawrat fin-niċċa ta' San Nikola peress illi ma kienx hemm statwa ta' San Nikola. Is-Sindku qal illi kienet ser issir repplika ta' San Nikola. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sabiex isir ir-restawr il-Kunsill għandu bżonn l-approvazzjoni tal-Kurja jew tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal illi kien ser jieħu ħsieb u jġib l-approvazzjonijiet meħtieġa. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk ir-razzett kienx proprjetà tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku qal li l-ispiża totali ta' dawn il-proġetti kienet

tammonta għal €87,000 u spjega li din l-iskema kienet tiffinanzja 80% tal-ispiża. Is-somma ta' €17,400 kienet ser tiġi ffinanzjata mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku ta' rendikont ta' kif kienet maqsuma din l-ispiża: €20,000 għall-proġett tas-*cycle lanes*, €10,000 għall-*cameras* tas-sigurtà, €20,000 siġar u qsari, €7,000 fanali tad-dawl, €7,000 żona pedonali, €17,000 restawr ta' monumenti, €4,000 servizzi tekniċi u €2,000 fi spejjeż ta' *marketing*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi sottomessa l-applikazzjoni Proġetti fil-Komunità u jiġu nklużi l-proġetti msemmija.

592.2.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.47 ta' filgħodu.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-595 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku